DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE, Euratom) 2019/1962

tas-17 ta' Ottubru 2019

dwar ir-regoli ta' implimentazzjoni għat-trattament ta' informazzjoni klassifikata bħala RESTREINT UE/EU RESTRICTED

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 249 tiegħu,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 106 tiegħu,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2015/443 tat-13 ta' Marzu 2015 dwar is-Sigurtà fil-Kummissjoni ([1]),

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2015/444 tat-13 ta' Marzu 2015 dwar ir-regoli tas-Sigurtà għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata tal-UE ([2]),

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2017/46 tal-10 ta' Jannar 2017 dwar is-sigurtà tas-sistemi ta' komunikazzjoni u informazzjoni fil-Kummissjoni Ewropea ([3]),

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni (UE, Euratom) 2015/444 tapplika għad-dipartimenti kollha tal-Kummissjoni u fil-bini kollu tal-Kummissjoni.

(2) Il-miżuri ta' sigurtà għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata tal-UE (IKUE) matul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu tagħha jridu jkunu partikolarment proporzjonati mal-klassifikazzjoni tas-sigurtà tagħha.

(3) L-Artikoli 4(3), 19(1)(c) u 22 tad-Deċiżjoni (UE, Euratom) 2015/444 jipprevedu li d-dispożizzjonijiet aktar dettaljati li jissupplimentaw u jappoġġaw l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni jridu jiġu stipulati fir-regoli ta' implimentazzjoni, u jirregolaw kwistjonijiet bħall-gwida tal-klassifikazzjoni, il-miżuri ta' kumpens għat-trattament tal-IKUE 'l barra minn Żona ta' Sigurtà jew Żona Amministrattiva, u r-responsabbiltajiet ta' oriġinatur.

(4) Fejn meħtieġ, ir-regoli ta' implimentazzjoni li jissupplimentaw jew jappoġġaw id-Deċiżjoni (UE, Euratom) 2015/444 jridu jiġu adottati skont l-Artikolu 60 ta' dik id-Deċiżjoni.

(5) Il-miżuri ta' sigurtà meħuda għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni jridu jkunu konformi mal-prinċipji tas-sigurtà fil-Kummissjoni stipulati fl-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni (UE, Euratom) 2015/443.

(6) Il-Kunsill, il-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà qablu li jiżguraw l-akbar konsistenza fl-applikazzjoni tar-regoli ta' sigurtà dwar il-protezzjoni tal-IKUE filwaqt li jqisu l-ħtiġijiet istituzzjonali u organizzattivi speċifiċi tagħhom, b'konformità mad-dikjarazzjonijiet mehmuża mal-minuti tas-sessjoni tal-Kunsill li matulha ġiet adottata d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/488/UE ([4]).

(7) Fl-4 ta' Mejju 2016 il-Kummissjoni adottat deċiżjoni ([5]) li tagħti s-setgħa lill-Membru tal-Kummissjoni responsabbli mill-kwistjonijiet tas-sigurtà li jadotta, f'isem il-Kummissjoni u taħt ir-responsabbiltà tagħha, ir-regoli ta' implimentazzjoni previsti fl-Artikolu 60 tad-Deċiżjoni (UE, Euratom) 2015/444,

([1]) ĠU L 72, 17.3.2015, p. 41.
([2]) ĠU L 72, 17.3.2015, p. 53.
([3]) ĠU L 6, 11.1.2017, p. 40.
([4]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/488/UE tat-23 ta' Settembru 2013 dwar ir-regoli tas-sigurtà għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata tal-UE (ĠU L 274, 15.10.2013, p. 1).
([5]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-4 ta' Mejju 2016 dwar l-għoti tas-setgħa fir-rigward tas-sigurtà C(2016) 2797 final.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

KAPITOLU 1

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

1. Din id-Deċiżjoni tistipula l-kundizzjonijiet għat-trattament tal-informazzjoni klassifikata tal-UE (IKUE) ta' livell RESTREINT UE/EU RESTRICTED ([6]) b'konformità mad-Deċiżjoni (UE, Euratom) 2015/444.

2. Din id-Deċiżjoni tapplika għad-dipartimenti kollha tal-Kummissjoni u fil-bini kollu tal-Kummissjoni.

Artikolu 2

Kriterji tal-aċċess għal informazzjoni RESTREINT UE/EU RESTRICTED

1. L-aċċess għal informazzjoni kklassifikata bħala RESTREINT UE/EU RESTRICTED tista' tingħata wara:

(a) tkun ġiet determinata l-ħtieġa li individwu jingħata aċċess għal ċerta informazzjoni RESTREINT UE/EU RESTREINT UE/EU RESTRICTED sabiex ikun jista' jwettaq funzjoni jew kompitu professjonali għall-Kummissjoni Ewropea;

(b) l-individwu jkun ingħata l-informazzjoni dwar ir-regoli u dwar l-istandards u l-linji gwida rilevanti fir-rigward tal-protezzjoni ta' informazzjoni RESTREINT UE/EU RESTRICTED; kif ukoll

(c) l-individwu jkun irrikonoxxa r-responsabbiltajiet tiegħu dwar il-protezzjoni tal-informazzjoni kkonċernata.

2. It-trainees tal-Kummissjoni ma għandhomx jingħataw kompiti li jirrikjedu aċċess għal informazzjoni RESTREINT UE/EU RESTRICTED.

3. L-aċċess ma għandux jingħata jew jiġi permess lil kategoriji oħrajn tal-persunal skont it-tabella li tinsab fl-Anness.

KAPITOLU 2

IL-ĦOLQIEN TA' INFORMAZZJONI RESTREINT UE/EU RESTRICTED

Artikolu 3

Oriġinatur

Filwaqt li, fis-sens tal-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni (UE, Euratom) 2015/444, l-oriġinatur huwa l-istituzzjoni, l-aġenzija jew il-korp tal-Unjoni, il-pajjiż terz jew l-organizzazzjoni internazzjonali li taħt l-awtorità tiegħu tkun inħolqot u/jew ġiet introdotta informazzjoni fl-istrutturi tal-Unjoni, min jabbozza l-informazzjoni RESTREINT UE/EU RESTRICTED mhux neċessarjament ikun l-istess wieħed jew waħda.

Artikolu 4

Assenjar ta' livell ta' klassifikazzjoni

1. Il-persunal li jabbozza dokument abbażi tal-informazzjoni fit-tifsira tal-Artikolu 1 għandu dejjem jikkunsidra l-ħtieġa li d-dokumenti tagħhom jiġu klassifikati. Il-klassifikazzjoni ta' dokument bħala IKUE għandha tinvolvi valutazzjoni u deċiżjoni mill-oriġinatur dwar jekk l-iżvelar tad-dokument lil persuni mhux awtorizzati jikkawżax preġudizzju għall-interessi tal-Unjoni Ewropea jew ta' Stat Membru wieħed jew aktar. Jekk l-abbozzaturi jkollhom dubju dwar jekk id-dokument li jkunu qegħdin jabbozzaw ikunx jeħtieġ li jiġi klassifikat bħala RESTREINT UE/EU RESTRICTED huma għandhom jikkonsultaw mal-Kap tal-Unità jew mad-Direttur responsabbli.

2. Mill-inqas, dokument għandu jiġi klassifikat bħala RESTREINT UE/EU RESTRICTED fil-każ li l-iżvelar mhux awtorizzat tiegħu jwassal għal, fost l-oħrajn:

(a) konsegwenzi negattivi fuq ir-relazzjonijiet diplomatiċi;

(b) tbatija sostanzjali għal xi individwi;

([6]) Skont l-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni (UE, Euratom) 2015/444, l-informazzjoni RESTREINT UE/EU RESTRICTED għandha tfisser "informazzjoni u materjal li l-iżvelar mhux awtorizzat tagħhom jista' jikkaġuna preġudizzju eċċezzjonalment gravi għall-interessi essenzjali tal-Unjoni Ewropea jew ta' Stat Membru wieħed jew ta' aktar"

(c) aktar diffikultà biex titħares l-effettività operattiva jew is-sigurtà tal-persunal skjerat tal-Istati Membri jew ta' kontributuri oħrajn;

(d) ksur tal-impenji għall-protezzjoni tal-kunfidenzjalità tal-informazzjoni li tingħata minn partijiet terzi;

(e) preġudizzju jew faċilitazzjoni tal-investigazzjoni tal-kriminalità;

(f) żvantaġġi għall-Unjoni jew għall-Istati Membri f'negozjati kummerċjali jew ta' politika ma' oħrajn;

(g) l-impediment tal-iżvilupp effettiv jew l-operat tal-politiki tal-Unjoni;

(h) l-imminar tal-ġestjoni tajba tal-Unjoni u tal-missjonijiet tagħha inġenerali; jew

(i) is-sejbien ta' informazzjoni klassifikata f'livell ogħla.

3. L-oriġinaturi jistgħu jiddeċiedu li jattribwixxu livell standard ta' klassifikazzjoni għal kategoriji ta' informazzjoni li joħolqu fuq bażi regolari. Madankollu, huma għandhom jiżguraw li biċċiet ta' informazzjoni individwali jingħataw il-livell ta' klassifikazzjoni li jixirqilhom.

Artikolu 5

Ħidma b'abbozzi

1. L-informazzjoni għandha tiġi kklassifikata minnufih hekk kif tiġi prodotta. Noti personali, abbozzi preliminari jew messaġġi li jkun fihom informazzjoni li titlob il-klassifikazzjoni fil-livell ta' RESTREINT UE/EU RESTRICTED għandhom jiġu mmarkati bħala tali mill-bidu nett u għandhom jiġu prodotti u trattati b'konformità ma' din id-Deċiżjoni.

2. Jekk id-dokument aħħari ma jkunx għadu jirrekjedi l-livell ta' klassifikazzjoni RESTREINT UE/EU RESTRICTED, dan għandu jiġi deklassifikat.

Artikolu 6

Rekord tal-materjal li jintuża bħala sors

Sabiex l-oriġinatur ikun jista' jeżerċita l-kontroll skont l-Artikolu 13, sa fejn ikun possibbli l-oriġinaturi ta' dokumenti RESTREINT UE/EU RESTRICTED għandhom iżommu rekord ta' kwalunkwe sors klassifikat li jintuża fil-produzzjoni ta' dokumenti klassifikati, fosthom id-dettalji tas-sorsi li joriġinaw mill-Istati Membri tal-UE, minn organizzazzjonijiet internazzjonali jew minn pajjiżi terzi. Fejn xieraq, l-informazzjoni klassifikata aggregata għandha tiġi mmarkata b'tali mod li titħares l-identifikazzjoni tal-oriġinaturi tal-materjal klassifikat li jintuża bħala sors.

Artikolu 7

Klassifikazzjoni ta' partijiet ta' dokument

1. B'konformità mal-Artikolu 22(6) tad-Deċiżjoni (UE, Euratom) 2015/444 il-livell ta' klassifikazzjoni ġenerali ta' dokument għandu tal-anqas ikun għoli daqs dak tal-aktar komponent klassifikat tiegħu. Meta tingħabar l-informazzjoni minn diversi sorsi, id-dokument aggregat aħħari għandu jiġi rieżaminat biex jiġi ddeterminat il-livell ta' klassifikazzjoni tas-sigurtà ġenerali tiegħu, peress li jista' jkun jeħtieġ klassifikazzjoni ogħla minn dik tal-partijiet komponenti tiegħu.

2. Id-dokumenti li jkun fihom partijiet klassifikati jew mhux klassifikati għandhom jiġu strutturati u mmarkati b'mod li l-komponenti b'livelli differenti ta' klassifikazzjoni u/jew sensittività jkunu jistgħu jiġu identifikati u jitneħħew kif meħtieġ. Dan għandu jippermetti biex kull parti tiġi trattata b'mod xieraq meta titneħħa minn komponenti oħrajn.

Artikolu 8

Marka ta' klassifikazzjoni sħiħa

1. L-informazzjoni li tiġġustifika l-klassifikazzjoni għandha tiġi mmarkata u trattata bħala tali tkun xi tkun is-sura fiżika tagħha. Il-livell ta' klassifikazzjoni għandu jiġi kkomunikat lir-riċevituri, jew b'marka ta' klassifikazzjoni, jekk l-informazzjoni tingħata f'sura miktuba, kemm jekk fuq karti fiżiċi, jew fuq mezz ta' ħżin li jista' titneħħa jew f'Sistema ta' Komunikazzjoni u Informazzjoni (SKI), jew bi thabbira, jekk l-informazzjoni tingħata f'sura orali, bħal f'konverżazzjoni jew preżentazzjoni. Il-materjal klassifikat għandu jiġi mmarkat fiżikament sabiex il-klassifikazzjoni tas-sigurtà tiegħu tkun tista' tiġi identifikata faċilment.

2. Il-klassifikazzjoni sħiħa li timmarka RESTREINT UE/EU RESTRICTED fid-dokumenti għandha tinkiteb b'ittri kapitali u bis-sħiħ bil-Franċiż u bl-Ingliż (l-ewwel bil-Franċiż), b'konformità mal-paragrafu 3. Il-marka ma għandhiex tiġi tradotta f'lingwi oħra.

3. Il-marka ta' klassifikazzjoni RESTREINT UE/EU RESTRICTED għandha ssir kif ġej:

(a) fiċ-ċentru fuq in-naħa ta' fuq u ta' isfel f'kull paġna tad-dokument;

(b) il-marka sħiħa tal-klassifikazzjoni fuq linja waħda, bl-ebda spazju fuq kull naħa tal-linja mmejla 'l quddiem (forward slash);

(c) b'ittri kapitali, suwed, tipa Times New Roman 16, b'tipa grassa u mdawra b'burdura fuq kull naħa.

4. Meta jinħoloq dokument RESTREINT UE/EU RESTRICTED:

(a) kull paġna għandha tiġi mmarkata bil-livell ta' klassifikazzjoni b'mod ċar;

(b) kull paġna għandha tingħata numru;

(c) id-dokument għandu jkollu numru ta' referenza u suġġett, li fih innifsu ma għandux jitqies bħala informazzjoni klassifikata, sakemm ma jkunx immarkat bħala tali;

(d) l-annessi u d-dokumenti mehmuża għandhom jiġu elenkati kull fejn possibbli fuq l-ewwel paġna; kif ukoll

(e) id-dokument għandu jkollu d-data ta' meta jkun inħoloq.

Artikolu 9

Marka ta' klassifikazzjoni mqassra R-UE/EU-R

It-taqsira R-UE/EU-R tista' tintuża biex tindika l-livell ta' klassifikazzjoni ta' partijiet individwali ta' dokument RESTREINT UE/EU RESTREINT UE/EU RESTRICTED jew fejn il-marka sħiħa tal-klassifikazzjoni ma tkunx tista' tiddaħħal, pereżempju fuq mezz movibbli żgħir għall-ħżin tad-*data*. Tista' tintuża fil-korp tat-test fejn l-użu imtenni tal-marka sħiħa tal-klassifikazzjoni ikun diffiċli. It-taqsira ma għandhiex tintuża minflok il-marka sħiħa tal-klassifikazzjoni fil-header u l-footer tad-dokument.

Artikolu 10

Diżinjaturi tas-sigurtà oħrajn

1. Id-dokumenti RESTREINT UE/EU RESTRICTED jista' jkollhom marki oħrajn jew "diżinjaturi tas-sigurtà", speċifikament, pereżempju, fil-qasam li d-dokumenti jirrelataw miegħu, jew jindikaw distribuzzjoni partikolari fuq il-bażi tal-ħtieġa tat-tagħrif. Pereżempju:

RILAXXABBLI LIL-LIECHTENSTEIN

2. Id-dokumenti RESTREINT UE/EU RESTRICTED jista' jkollhom twissija dwar is-sigurtà li tagħti struzzjonijiet speċifiċi dwar it-trattament u l-ġestjoni tad-dokumenti.

3. Kull fejn possibbli, kwalunkwe indikazzjoni għad-deklassifikazzjoni għandha tkun inkluża fuq l-ewwel paġna tad-dokument meta jinħoloq. Pereżempju, tista' tintuża l-marka li ġejja:

RESTREINT UE/EU RESTRICTED sa [jj.xx.ssss]

Artikolu 11

Proċessar elettroniku

1. Id-dokumenti RESTREINT UE/EU RESTRICTED għandhom jinħolqu b'mezzi elettroniċi, fejn dawn ikunu disponibbli.

2. Il-persunal tal-Kummissjoni għandu juża SKI akkreditata għall-ħolqien ta' informazzjoni fil-livell RESTREINT UE/EU RESTRICTED. Il-persunal għandu jikkonsulta mal-Uffiċjal għas-Sigurtà Lokali (USL) f'każ ta' kwalunkwe dubju ta' kif SKI tista' tintuża. F'konsultazzjoni mal-awtorità għas-sigurtà tal-Kummissjoni jistgħu jiġu applikati proċeduri speċifiċi f'emerġenzi jew f'konfigurazzjonijiet tekniċi speċifiċi.

3. Id-dokumenti RESTREINT UE/EU RESTRICTED, fosthom l-abbozzi, b'konformità mal-Artikolu 5, ma għandhomx jintbagħtu permezz ta' ittra elettronika miftuħa ordinarja, jiġu stampati fuq stampatur jew skanners standard, jew trattati fuq apparat personali tal-membri tal-persunal. L-istampar ta' dokumenti RESTREINT UE/EU RESTRICTED jista' jsir biss bl-istampaturi u l-kopjaturi konnessi ma' kompjuters imqabbdin ma' netwerk jew konnessi ma' sistema akkreditata.

Artikolu 12

Distribuzzjoni

Min jibgħat dokumenti RESTREINT UE/EU RESTRICTED għandu jiddeċiedi minn se jiddistribwixxi l-informazzjoni lil min, fuq il-bażi tal-ħtieġa ta' tagħrif. Jekk ikun meħtieġ għandha titfassal lista' ta' distribuzzjoni sabiex ikompli jiġi infurzat il-prinċipju ta' ħtieġa ta' tagħrif.

KAPITOLU 3

ĦIDMA B' INFORMAZZJONI RESTREINT UE/EU RESTRICTED EŻISTENTI

Artikolu 13

Kontroll tal-oriġinatur

1. L-oriġinatur għandu jkollu "kontroll tal-oriġinatur" fuq informazzjoni RESTREINT UE/EU RESTRICTED li jkun ħoloq. Il-kunsens bil-miktub minn qabel tal-oriġinatur għandu jingħata qabel l-informazzjoni tiġi:

(a) deklassifikata;

(b) użata għal finijiet oħrajn għajr għal dawk stabbiliti mill-oriġinatur;

(c) rilaxxata lil pajjiż terz jew organizzazzjoni internazzjonali;

(d) żvelata lil parti lil hinn mill-Kummissjoni iżda fl-UE; jew

(e) żvelata li kuntrattur jew kuntrattur prospettiv li jkun jinsab f'pajjiż terz.

2. Id-detenturi ta' informazzjoni RESTREINT UE/EU RESTRICTED ingħataw aċċess għall-informazzjoni klassifikata sabiex ikunu jistgħu jwettqu l-kompiti tagħhom. Huma responsabbli mit-trattament, il-ħżin u l-protezzjoni korretti tagħha skont id-Deċiżjoni (UE, Euratom) 2015/444. Bil-kontra tal-oriġinaturi ta' informazzjoni klassifikata, id-detenturi ma għandhomx jiġu awtorizzati jiddeċiedu dwar id-deklassifikazzjoni jew ir-rilaxx suċċessiv ta' informazzjoni RESTREINT UE/EU RESTRICTED lil pajjiżi terzi jew lil organizzazzjonijiet internazzjonali.

3. Jekk l-oriġinatur ta' biċċa informazzjoni RESTREINT UE/EU RESTREINT UE/EU RESTRICTED ma jkunx jista' jiġi identifikat, id-dipartiment tal-Kummissjoni li jkollu dik l-informazzjoni għandu jeżerċita l-kontroll tal-oriġinatur. Il-Grupp ta' Esperti għas-Sigurtà tal-Kummissjoni għandu jiġi kkonsultat qabel ir-rilaxx ta' informazzjoni RESTREINT UE/EU RESTRICTED lil pajjiż terz jew lil organizzazzjoni internazzjonali.

Artikolu 14

SKI adegwata għat-trattament ta' informazzjoni RESTREINT UE/EU RESTRICTED

L-informazzjoni RESTREINT UE/EU RESTRICTED għandha tiġi trattata u trażmessa b'mezzi elettroniċi, fejn dawn ikunu disponibbli. Għandhom jintużaw biss is-SKI u t-tagħmir akkreditati mill-awtorità ta' akkreditament ta' sigurtà tal-Kummissjoni.

Artikolu 15

Miżuri speċifiċi għal informazzjoni RESTREINT UE/EU RESTRICTED fuq mezzi movibbli għall-ħżin tad-data

1. L-użu ta' mezzi movibbli għall-ħżin tad-*data* għandu jkun ikkontrollat u għandha tittieħed responsabbiltà għalih. Għandhom jintużaw biss mezzi movibbli għall-ħżin tad-*data* li jingħataw mill-Kummissjoni u li jkunu kriptati mill-awtorità tas-sigurtà tal-Kummissjoni. Il-mezzi personali movibbli għall-ħżin tad-*data* u dawk li jingħataw b'xejn waqt konferenzi, seminars eċċ. ma għandhomx jintużaw għat-trasferiment ta' informazzjoni klassifikata. Fejn possibbli, għandhom jintużaw mezzi movibbli għall-ħżin tad-*data* u li jkunu konformi mal-ispeċifikazzjonijiet tat-Tempest b'konformità mal-gwida tal-awtorità tas-sigurtà tal-Kummissjoni.

2. Meta dokument klassifikat jiġi trattat jew jinħażen elettronikament fuq mezz movibbli għall-ħżin tad-*data*, bħal USB sticks, CDs jew memory cards, il-marka tal-klassifikazzjoni għandha tkun viżibbli b'mod ċar fuq l-informazzjoni nfisha li tintwera, kif ukoll f'isem il-fajl u fuq il-mezz movibbli għall-ħżin tad-*data*.

3. Il-persunal għandu jżomm f'moħħu li meta ammonti kbar ta' informazzjoni klassifikata tinħażen fuq mezz movibbli għall-ħżin tad-*data*, l-apparat jista' jiġġustifika livell ogħla ta' klassifikazzjoni.

4. Huma biss is-SKI li jkunu ġew akkreditati b'mod xieraq li għandhom jintużaw għat-trasferiment ta' informazzjoni RESTREINT UE/EU RESTRICTED lejn u minn mezz movibbli għall-ħżin tad-*data*.

5. Meta l-informazzjoni RESTREINT UE/EU RESTRICTED tkun qed titniżżel fuq mezz movibbli għall-ħżin tad-*data*, għandha tingħata attenzjoni partikolari biex jiġi żgurat li l-mezz ma jkunx fih la viruses u lanqas malware qabel ma tiġi ttrasferita d-*data*.

6. Fejn applikabbli, il-mezz movibbli għall-ħżin tad-*data* għandu jiġi trattat b'mod konformi ma kwalunkwe proċedura operattiva tas-sigurtà relatata mas-sistema ta' kriptaġġ li tintuża.

7. Id-dokumenti fuq mezz movibbli għall-ħżin tad-*data* li jew ma jkunux għadhom meħtieġa, jew li jkunu ġew trasferiti fuq SKI xierqa, għandhom jitneħħew jew jitħassru b'mod sikur permezz ta' prodotti u metodi approvati. Sakemm ma jinżammx imsakkar kif xieraq f'biċċa għamara f'uffiċċju, il-mezz movibbli għall-ħżin tad-*data* għandu jinqered meta ma jkunx hemm iżjed bżonnu. Kwalunkwe qerda jew tħassir għandhom jużaw metodu li jżomm konformi mar-regoli tas-sigurtà tal-Kummissjoni. Għandu jinżamm inventarju tal-mezzi movibbli għall-ħżin tad-*data*, u l-qerda tagħhom għandha tiġi rreġistrata.

Artikolu 16

Trattament u ħżin ta' informazzjoni RESTREINT UE/EU RESTRICTED

1. B'konformità mal-Artikolu 19(1)(a) u (b) tad-Deċiżjoni (UE, Euratom) 2015/444, l-informazzjoni RESTREINT UE/EU RESTRICTED tista' tiġi trattata f'Żona Amministrattiva jew f'Żona ta' Sigurtà ([7]) kif ġej:

— waqt li jkunu qed jittrattaw informazzjoni RESTREINT UE/EU RESTRICTED il-persunal għandu jagħlaq il-bieb tal-uffiċċju;

— il-persunal għandu jaħbi jew jgħatti kwalunkwe informazzjoni RESTREINT UE/EU RESTRICTED jekk jilqgħu viżitatur;

— il-persunal ma għandux iħalli informazzjoni RESTREINT UE/EU RESTRICTED viżibbli meta ma jkun hemm ħadd fl-uffiċċju;

— l-iskrins li juru informazzjoni RESTREINT UE/EU RESTRICTED ma għandhomx jitħallew jiffaċċjaw twieqi u bibien b'mod permanenti biex ħadd ma jkun jista' jaraha.

([7]) Kif definit fl-Artikolu 18 tad-Deċiżjoni (UE, Euratom) 2015/444.

2. B'konformità mal-Artikolu 19(1)(c) tad-Deċiżjoni (UE, Euratom) 2015/444, l-informazzjoni RESTREINT UE/EU RESTRICTED tista' tiġi trattata barra minn Żona ta' Sigurtà jew Żona Amministrattiva, sakemm id-detentur jikkommetti ruħu li jikkonforma ma' miżuri ta' kumpens biex l-informazzjoni tiġi protetta minn aċċess minn persuni mhux awtorizzati. Il-miżuri ta' kumpens għandhom jinkludu minn tal-anqas dan li ġej:

— l-informazzjoni RESTREINT UE/EU RESTRICTED ma għandhiex tinqara f'postijiet pubbliċi;

— l-IKUE għandha tinżamm fil-kontroll personali tad-detentur f'kull ħin;

— id-dokumenti għandhom jitpoġġew f'biċċa għamara xierqa msakkra meta ma jkunux qegħdin jinqraw jew diskussi;

— il-bibien tal-kamra għandhom jingħalqu waqt li d-dokument ikun qed jinqara jew jiġi diskuss;

— id-dettalji tad-dokument ma għandhomx jiġu diskussi fuq it-telefown fuq linja mhux sikura jew f'posta elettronika mhux kriptata;

— fotokopja jew sken tad-dokument tista' ssir biss fuq tagħmir awtonomu jew akkreditat;

— id-dokument għandu jiġi trattat jew jinżamm barra Żona Amministrattiva jew ta' Sigurtà għaż-żmien minimu meħtieġ biss;

— id-detentur ma għandux jarmi d-dokument klassifikat iżda għandu jroddu lura biex jinżamm f'Żona ta' Sigurtà jew f'Żona Amministrattiva, jew jiżgura li d-dokument jinqered fi shredder approvat.

3. Il-forma stampata ta' informazzjoni RESTREINT UE/EU RESTRICTED għandha tinżamm imsakkra f'għamara tal-uffiċċju f'Żona Amministrattiva u f'Żona ta' Sigurtà. Jista' jinżamm temporanjament barra Żona ta' Sigurtà jew Żona Amministrattiva sakemm id-detentur jikkommetti ruħu li jikkonforma ma' miżuri ta' kumpens.

4. L-Uffiċjal għas-Sigurtà Lokali (USL) tad-dipartiment rilevanti tal-Kummissjoni jista' jagħti aktar pariri f'dan ir-rigward.

5. Kwalunkwe inċident attwali jew suspettat li jinvolvu s-sigurtà tad-dokument għandu jiġi rrapportat lill-USL mill-aktar fis possibbli.

Artikolu 17

Ikkupjar u traduzzjoni ta' informazzjoni RESTREINT UE/EU RESTRICTED

1. L-informazzjoni RESTREINT UE/EU RESTRICTED tista' tiġi kkupjata jew tradotta fuq struzzjonijiet mingħand id-detentur, sakemm l-oriġinatur ma jkun impona l-ebda twissija. Madankollu, ma għandhomx isiru aktar kopji milli meħtieġ.

2. L-istess kundizzjonijiet għad-dokumenti sħaħ għandhom japplikaw fir-rigward tal-ikkupjar ta' parti ta' dokument klassifikat. Is-siltiet ukoll iridu jiġu klassifikati bħala RESTREINT UE/EU RESTRICTED sakemm l-oriġinatur ma jkunx immarkahom speċifikament bħala mhux klassifikati.

3. Il-miżuri ta' sigurtà applikabbli għall-informazzjoni oriġinali għandhom jiġu applikati wkoll għall-kopji u t-traduzzjonijiet tagħhom.

Artikolu 18

Prinċipji ġenerali għat-trasport ta' informazzjoni RESTREINT UE/EU RESTRICTED

1. Kull fejn possibbli, l-informazzjoni RESTREINT UE/EU RESTRICTED li jkollha tinħareġ minn Żoni Amministrattivi u tas-Sigurtà għandha tintbagħat elettronikament b'mezzi akkreditati xierqa u/jew tiġi protetta minn prodotti kriptografiċi approvati.

2. Skont il-mezzi disponibbli jew iċ-ċirkostanzi partikolari, l-informazzjoni RESTREINT UE/EU RESTRICTED tista' tiġi trasportata fiżikament fis-sura ta' dokumenti stampati jew fuq mezz movibbli għall-ħżin tad-*data*. L-użu ta' mezz movibbli għall-ħżin tad-*data* għat-trasferiment ta' informazzjoni RESTREINT UE/EU RESTRICTED għandu jiġi preferut milli jintbagħtu dokumenti stampati.

3. Għandhom jintużaw biss mezzi movibbli għall-ħżin tad-*data* li jkunu kriptati minn prodott li jkun approvat mill-awtorità tas-sigurtà tal-Kummissjoni. L-informazzjoni RESTREINT UE/EU RESTRICTED fuq mezzi movibbli għall-ħżin tad-*data* li ma jkunux protetti minn prodott ta' kriptaġġ li jkun ġie approvat mill-awtorità tas-sigurtà tal-Kummissjoni għandha tiġi trattata bl-istess mod bħall-kopji stampati.

4. Kunsinna jista' jkun fiha aktar minn biċċa informazzjoni waħda bħala RESTREINT UE/EU RESTRICTED, sakemm il-prinċipju tal-ħtieġa tat-tagħrif jiġi rispettat.

5. L-imballaġġ li jintuża għandu jiżgura li l-kontenuti ma jkunux jidhru minn barra. L-informazzjoni RESTREINT UE/EU RESTRICTED għandha tiġi trasportata f'imballaġġ opak, bħal envelop, jew folder jew basket opaki. Il-parti ta' barra tal-imballaġġ ma għandha jkollha ebda indikazzjoni dwar in-natura jew il-livell ta' klassifikazzjoni tal-kontenut. Jekk tintuża, is-saff ġewwieni tal-imballaġġ għandha tiġi mmarkata bħala RESTREINT UE/EU RESTRICTED. Iż-żewġ saffi għandha jiddikjaraw l-isem tar-riċevitur, il-kariga u l-indirizz tiegħu, kif ukoll indirizz tar-ritorn fil-każ li l-konsenja ma tkunx tista' ssir.

6. Kwalunkwe inċident li jinvolvi informazzjoni RESTREINT UE/EU RESTRICTED li tkun qed tinġarr mill-persunal jew mill-kurrier għandhom jiġu rrapportati biex issir investigazzjoni mid-Direttorat tas-Sigurtà tal-Direttorat tas-Sigurtà tad-Direttorat Ġenerali tar-Riżorsi Umani, permezz tal-USL tad-dipartiment rilevanti tal-Kummissjoni.

Artikolu 19

Ġarr bl-idejn ta' mezz movibbli għall-ħżin tad-data

1. Il-mezzi movibbli għall-ħżin tad-*data* li jintużaw għall-ġarr ta' informazzjoni RESTREINT UE/EU RESTRICTED għandhom jiġu akkumpanjati min-nota ta' dispaċċ li tispeċifika l-mezz movibbli għall-ħżin tad-*data* li jkun fih l-informazzjoni klassifikata, kif ukoll il-fajls kollha li jkun hemm fih, sabiex ir-riċevitur ikun jista' jagħmel il-verifiki meħtieġa.

2. Id-dokumenti li jkunu se jiġu pprovduti biss jistgħu jinħażnu fil-mezz. Pereżempju, l-informazzjoni klassifikata kollha fuq USB stick trid tkun indirizzata lill-istess riċevitur. L-ispeditur għandu jżomm f'moħħu li aktar ma jkun hemm ammont kbir ta' informazzjoni klassifikata fuq tali apparat aktar irid jogħla l-livell ta' klassifikazzjoni għall-apparat kollu.

3. Huma biss il-mezzi movibbli għall-ħżin tad-*data* bil-marka xierqa ta' klassifikazzjoni li jistgħu jintużaw għall-ġarr ta' informazzjoni RESTREINT UE/EU RESTRICTED.

Artikolu 20

Ġarr ta' dokumenti RESTREINT UE/EU RESTRICTED f'bini tal-Kummissjoni

1. Il-persunal jista' jġorr dokumenti RESTREINT UE/EU RESTRICTED f'bini tal-Kummissjoni, iżda d-dokumenti jridu jibqgħu fil-pussess ta' min iġorrhom u ma jistgħux jinqraw fil-pubbliku.

2. Id-dokumenti RESTREINT UE/EU RESTRICTED jistgħu jintbagħtu permezz tal-posta interna lejn uffiċċji oħra tal-Kummissjoni Ewropea f'envelop opak ordinarju wieħed, u ma għandha tingħata l-ebda indikazzjoni fuq barra dwar il-kontenuti jkunux klassifikati jew le. Informazzjoni RESTREINT UE/EU RESTRICTED tista' tintbagħat bl-istess mod lil istituzzjonijiet jew korpi oħra tal-UE li jinqdew mis-sistema tal-posta interna.

Artikolu 21

Ġarr ta' dokumenti RESTREINT UE/EU RESTRICTED fl-Unjoni

1. L-informazzjoni RESTREINT UE/EU RESTRICTED tista' tinġarr mill-persunal jew mill-kurriera tal-Kummissjoni jkun fejn ikun fl-Unjoni sakemm jikkonformaw mal-istruzzjonijiet li ġejjin:

(a) l-informazzjoni RESTREINT UE/EU RESTRICTED għandha tinġarr f'envelop jew imballaġġ opak. Il-parti ta' barra ma għandha jkollha ebda indikazzjoni dwar in-natura jew il-livell ta' klassifikazzjoni tal-kontenut;

(b) l-informazzjoni RESTREINT UE/EU RESTRICTED għandha tibqa' fil-pussess ta' min iġorra l-ħin kollu; kif ukoll

(c) l-envelop jew il-pakkett ma għandhomx jinfetħu mat-triq u l-informazzjoni ma għandhiex tinqara f'postijiet pubbliċi.

2. Il-persunal li jkun jixtieq jibgħat informazzjoni RESTREINT UE/EU RESTREINT UE/EU RESTRICTED lejn postijiet oħra fl-Unjoni jista' jirranġa biex din tinġarr bil-mezzi li ġejjin:

— permezz ta' servizz postali li jittraċċaw l-konsenja jew ta' ċerti servizzi ta' kurrier kummerċjali li jiggarantixxu l-ġarr personali, sakemm dawn jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 23 ta' din id-Deċiżjoni;

— permezz ta' kurrier militari, diplomatiku jew tal-gvern, b'kooperazzjoni mal-persunal tar-Reġistru.

Artikolu 22

Trasportazzjoni ta' informazzjoni RESTREINT UE/EU RESTRICTED mit-territorju ta' pajjiż terz jew lejh

1. L-informazzjoni kklassifikata bħala RESTREINT UE/EU tista' tinġarr minn persunal bejn it-territorju tal-Unjoni u t-territorju ta' pajjiż terz.

2. il-persunal tar-Reġistru jista' jorganizza alternattiva milli ġejjin:

— it-trasportazzjoni permezz tas-servizzi postali li jittraċċaw l-kunsinna jew is-servizzi ta' kurrier kummerċjali li jiggarantixxu t-trasportazzjoni personali;

— it-trasportazzjoni permezz ta' kurrier militari jew diplomatiku.

3. Matul it-trasportazzjoni kemm personali kif ukoll b'mezz movibbli għall-ħżin tad-*data*, klassifikati bħala RESTREINT UE/EU RESTRICTED, il-persunal għandu jikkonforma mal-miżuri addizzjonali li ġejjin:

— Matul it-trasportazzjoni pubblika l-informazzjoni klassifikata għandha titpoġġa ġo portafoll jew basket li għandu jinżamm fil-kustodja personali tal-portatur. Ma għandhiex titpoġġa fi stiva tal-bagalji.

— L-informazzjoni RESTREINT UE/EU RESTRICTED għandha tiġi trasportata f'żewġ saffi ta' imballaġġ. Is-saff ta' ġewwa tal-imballaġġ għandu jkollu s-siġill uffiċjali biex jiġi indikat li din hija kunsinna uffiċjali u li ma għandux jgħaddi mill-iskrutinju tas-sigurtà.

— Il-portatur għandu jġorr ċertifikat ta' kurrier li jiċċertifika li l-portatur huwa awtorizzat li jġorr il-kunsinna RESTREINT UE/EU RESTRICTED, maħruġ mir-reġistru tad-dipartiment rilevanti.

Artikolu 23

Trasportazzjoni permezz ta' kurriera kummerċjali

1. Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, kurriera kummerċjali jinkludu servizzi postali nazzjonali u kumpaniji kurriera kummerċjali li joffru servizz fejn l-informazzjoni tingħata bi ħlas u li tiġi trasportata personalment jew tiġi traċċata.

2. Il-kurriera kummerċjali jistgħu jużaw is-servizzi ta' sottokuntratturi. Madankollu, ir-responsabbiltà għall-konformità ma' din id-Deċiżjoni għandha tibqa' fuq spallejn il-kumpanija ta' kurrier.

3. Jekk ir-riċevitur intenzjonat ikun jinsab barra mill-UE, għandhom jintużaw żewġ saffi ta' imballaġġ. Meta l-kunsinna klassifikata tkun qed tiġi preparata r-riċevitur għandu jżomm f'moħħu li s-servizzi ta' kurrier kummerċjali għandhom iwasslu konsenji RESTREINT UE/EU RESTRICTED lir-riċevitur, lil uffiċjal ta' kontroll tar-reġistru jew is-sostitut awtorizzat tiegħu/tagħha jew lil receptionist biss. Biex jittaffa r-riskju li l-kunsinna ma tasalx għax ir-riċevitur intenzjonat, is-saff ta' barra, u ta dak ta' ġewwa jekk ikun hemm, tal-imballaġġ tal-kunsinna għandu jkollhom indirizz ta' ritorn.

4. Is-servizzi li jingħataw minn kurriera kummerċjali li jipprovdu t-trażmissjoni elettronika ta' dokumenti rreġistrati ma għandhom jintużaw għal informazzjoni RESTREINT UE/EU RESTRICTED.

Artikolu 24

Kundizzjonijiet speċifiċi oħrajn dwar it-trattament

1. Il-kundizzjonijiet tal-ġarr stipulati fi ftehim dwar is-sigurtà tal-informazzjoni jew f'arranġamenti amministrattivi għandhom jiġu rispettati. Jekk f'dubju, il-persunal għandu jikkonsulta mar-reġistru rispettiv jew mad-Direttorat tas-Sigurtà fid-Direttorat Ġenerali tar-Riżorsi Umani u tas-Sigurtà.

2. Ir-rekwiżit ta' imballaġġ doppju jista' jitneħħa fir-rigward ta' informazzjoni klassifikata li tkun protetta minn prodotti kriptografiċi approvati. Madankollu, għall-finijiet tal-indirizzar, u anke għaliex il-mezz movibbli għall-ħżin tad-*data* jkun immarkat espliċitament bil-klassifikazzjoni ta' sigurtà, il-mezz għandu jinġarr minn tal-anqas f'envelop ordinarju iżda jista' jkun jirrekjedi miżuri protettivi fiżiċi addizzjonali, bħal envelop b'imballaġġ protettiv (bubble wrap).

KAPITOLU 4

LAQGĦAT KLASSIFIKATI

Artikolu 25

Ħtejjija għal laqgħa RESTREINT UE/EU RESTRICTED

1. Il-laqgħat li matulhom tkun se ssir diskussjoni dwar informazzjoni RESTREINT UE/EU RESTREINT għandhom isiru fi kmamar li jkunu ġew akkreditati fil-livell xieraq jew f'livell ogħla minn dan. Meta tali kmamar ma jkunux disponibbli, il-persunal għandu jikkonsulta mal-awtorità tas-sigurtà tal-Kummissjoni.

2. Bħala regola ġenerali, l-aġendi ma jenħtieġx li jkunu klassifikati. L-aġenda nfisha tal-laqgħa ma għandhiex għalfejn tiġi klassifikata awtomatikament jekk tkun issemmi dokumenti klassifikati. Il-punti fl-aġenda għandhom jiġu fformulati b'tali mod li ma jipperikolax il-protezzjoni tal-interessi tal-Unjoni jew dawk ta' Stat Membru wieħed jew aktar.

3. Jekk mal-aġenda jiġu mehmuża fajls elettroniċi li jkun fihom informazzjoni RESTREINT UE/EU RESTRICTED huwa obbligatorju li dawn jiġu protetti permezz ta' prodotti kriptografiċi approvati mill-Awtorità Kriptografika tal-Kummissjoni.

4. L-organizzaturi tal-laqgħa għandhom ifakkru lill-parteċipanti li kwalunkwe kumment li jintbagħat dwar punt tal-aġenda RISTRETT UE/EU RESTRICTED ma jistax jintbagħat permezz ta' ittri elettroniċi ordinarji miftuħa, jew b'mezzi oħrajn li ma jkunux ġew akkreditati b'mod xieraq skont l-Artikolu 11 ta' din id-Deċiżjoni.

5. L-organizzaturi għandhom jagħmlu ħilithom biex il-punti tal-aġenda RESTREINT UE/EU RESTRICTED jiġu inklużi konsekuttivament sabiex jiġi ffaċilitat il-funzjonament bla xkiel tal-laqgħa. Huma biss dawk il-persuni bi ħtieġa li jiġu mgħarrfa li jistgħu jkunu preżenti waqt diskussjonijiet ta' punti klassifikati.

6. L-istedina nfisha għandha twissi lill-parteċipanti minn qabel li l-laqgħa se tiddiskuti suġġetti klassifikati, u li se japplikaw il-miżuri ta' sigurtà korrispondenti.

7. L-istedina jew in-nota fl-aġenda nfisha għandha tfakkar lill-parteċipant li l-apparat elettroniku mobbli jrid jintefa' matul id-diskussjoni tal-punti RESTREINT UE/EU RESTRICTED.

8. L-organizzaturi tal-laqgħat għandhom jippreparaw lista sħiħa ta' parteċipanti esterni qabel il-laqgħa.

Artikolu 26

Tagħmir elettroniku fi swali tal-laqgħat RESTREINT UE/EU RESTRICTED

1. L-informazzjoni klassifikata li tittieħed għal-laqgħa, bħal preżentazzjonijiet li juru informazzjoni RESTRICTED EU/EU RESTRICTED, jew għall-vidjokonferenzi, għandha tintuża permezz ta' sistemi tal-IT akkreditati b'konformità mal-Artikolu 11 ta' din id-Deċiżjoni.

2. Il-President għandu jiżgura li l-apparat elettroniku mobbli mhux awtorizzat ikun mitfi.

Artikolu 27

Proċeduri li jridu jiġu segwiti matul laqgħa RESTREINT UE/EU RESTRICTED

1. Fil-bidu tad-diskussjoni klassifikata, il-President għandu jħabbar lil-laqgħa tkun se tiddiskuti b'manjiera klassifikata. Il-bibien u l-blinds għandhom jingħalqu.

2. Il-parteċipanti u l-interpreti għandhom jingħataw biss l-għadd meħtieġ ta' dokumenti, kif xieraq fil-bidu tad-diskussjoni.

Id-dokumenti RESTREINT UE/EU RESTRICTED ma għandhomx jitħallew waħedhom waqt il-brejks matul il-laqgħat.

3. Fi tmiem il-laqgħa, il-parteċipanti u l-interpreti għandhom jiġu mfakkra li ma jħallu kwalunkwe dokument klassifikat jew noti klassifikati li jistgħu jitħallew waħedhom madwar il-kamra. Id-dokumenti jew in-noti klassifikati li ma jittiħdux mill-parteċipanti fi tmiem il-laqgħa għandhom jinġabru mill-organizzaturi tal-laqgħa u jinqerdu fi shredder.

4. Għandha tittieħed nota tal-lista tal-parteċipanti u tat-taqsiriet ta' kwalunkwe informazzjoni klassifikata li jiġu kondiviżi mal-Istati Membri jew li rilaxxati oralment lil pajjiżi terzi jew lil organizzazzjonijiet internazzjonali biex dawn jiġu rreġistrati fl-eżitu tal-proċedimenti.

Artikolu 28

Interpreti u tradutturi

Huma biss l-interpreti u t-tradutturi li huma suġġetti għar-Regolamenti tal-Persunal jew għall-Kundizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea jew li jkollhom rabta kuntrattwali mal-Kummissjoni li għandu jkollhom aċċess għal informazzjoni RESTREINT UE/EU RESTRICTED.

KAPITOLU 5

KONDIVIŻJONI U SKAMBJAR TA' INFORMAZZJONI RESTREINT UE/EU RESTRICTED

Artikolu 29

Kunsens tal-oriġinatur

Jekk il-Kummissjoni ma tkunx l-oriġinatur tal-informazzjoni klassifikata, jew tal-materjal tas-sors li jista' tkun fiha, li tkun trid tiġi kondiviża jew rilaxxata, id-dipartiment tal-Kummissjoni li jkollu l-informazzjoni klassifikata għandu l-ewwel ifittex il-kunsens bil-miktub tal-oriġinatur għar-rilaxx. Jekk l-oriġinatur ma jkunx jista' jiġi identifikat, id-dipartiment tal-Kummissjoni li jkollu dik l-informazzjoni klassifikata għandu jeżerċita l-kontroll tal-oriġinatur.

Artikolu 30

Kondiviżjoni ta' informazzjoni RESTREINT UE/EU RESTRICTED ma' entitajiet oħrajn tal-Unjoni

1. L-informazzjoni RESTREINT UE/EU RESTRICTED għandha tiġi kondiviża biss ma' istituzzjoni, aġenzija, korp jew uffiċċju tal-Kummissjoni jekk ir-riċevitur ikollu l-ħtieġa li jkun jaf u l-entità jkollha arranġament legali mal-Kummissjoni.

2. Fil-Kummissjoni, ir-reġistru tal-IKUE ġestit mis-Segretarjat Ġenerali għandu jkun. bħala regola ġenerali, il-punt prinċipali ta' dħul u ħruġ għall-iskambji tal-informazzjoni klassifikata ma' istituzzjonijiet, aġenziji, korpi jew uffiċċji oħra tal-Unjoni. Madankollu, l-informazzjoni RESTREINT UE/EU RESTRICTED tista' tiġi kondiviża direttament mar-riċevituri li jkunu maħsuba li jirċevuha.

Artikolu 31

Skambju ta' informazzjoni RESTREINT UE/EU RESTRICTED mal-Istati Membri

1. L-informazzjoni RESTREINT UE/EU RESTRICTED tista' tiġi kondiviża ma' Stati Membri jekk ir-riċevitur ikollu l-ħtieġa ta' tagħrif.

2. L-informazzjoni klassifikata tal-Istati Membri li jkollha marka ta' klassifikazzjoni nazzjonali ekwivalenti ([8]) u li tkun ingħatat lill-Kummissjoni għandha tingħata l-istess livell ta' protezzjoni bħall-informazzjoni RESTREINT UE/EU RESTRICTED.

Artikolu 32

Skambju ta' informazzjoni RESTREINT UE/EU RESTRICTED ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali

1. L-informazzjoni RESTREINT UE/EU RESTRICTED għandha tiġi rilaxxata biss lil pajjiż terz jew lil organizzazzjoni internazzjonali jekk ir-riċevitur ikollu ħtieġa ta' għarfien u jekk il-pajjiż ikollu qafas legali jew amministrattiv xieraq fis-seħħ, bħal ftehim dwar is-sigurtà tal-informazzjoni jew arranġament amministrattiv mal-Kummissjoni. Id-dispożizzjonijiet ta' tali ftehim jew arranġament għandhom jipprevalu fuq id-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni.

2. Bħala regola ġenerali, ir-reġistru IKUE ġestit mis-Segretarjat Ġenerali għandu jkun il-punt tad-dħul u l-ħruġ ewlieni tal-informazzjoni klassifikata RESTREINT UE/EU RESTRICTED li tiġi skambjata bejn il-Kummissjoni u l-pajjiż terz u l-organizzazzjonijiet internazzjonali. L-awtorità tas-sigurtà tal-Kummissjoni għandha tiġi kkonsultata fejn ikun hemm raġunijiet ta' sigurtà, raġunijiet organizzattivi jew operattivi li jagħmluha aktar xieraq li r-reġistri IKUE joperaw bħala d-dħul u l-ħruġ fir-rigward ta' kwistjonijiet li jaqgħu fil-kompetenza tad-dipartiment ikkonċernat.

3. Biex tiġi żgurata t-traċċabbiltà, l-informazzjoni RESTREINT UE/EU RESTRICTED għandha tiġi rreġistrata:

— meta tasal jew toħroġ minn entità organizzattiva; kif ukoll

— meta tasal jew toħroġ minn SKI.

4. Tali reġistrazzjoni tista' ssir fiżikament jew f'reġistru elettroniku.

5. Il-proċeduri ta' reġistrazzjoni ta' informazzjoni klassifikata ttrattata fi SKI jistgħu jsiru permezz ta' proċessi fis-SKI nfisha. F'dak il-każ, is-SKI għandha tinkludi miżuri li jiggarantixxu l-integrità tar-reġistrazzjonijiet.

6. L-informazzjoni klassifikata li tiġi rċevuta minn pajjiżi terzi jew minn organizzazzjonijiet internazzjonali għandhom jingħataw il-livell ta' protezzjoni ekwivalenti bħall-IKUE u jkollha l-marka ta' klassifikazzjoni ekwivalenti kif stipulat fil-ftehim dwar is-sigurtà tal-informazzjoni jew l-arranġament amministrattiv rispettivi.

Artikolu 33

Rilaxx eċċezzjonali ad hoc ta' informazzjoni RESTREINT UE/EU RESTRICTED

1. Fejn il-Kummissjoni jew wieħed mid-dipartimenti tagħha jiddeterminaw li jkun hemm ħtieġa eċċezzjonali li l-informazzjoni RESTREINT UE/EU RESTRICTED tiġi rilaxxata lil pajjiż terz, lil organizzazzjoni internazzjonali jew lil entità tal-UE meta ma jkun hemm ebda ftehim jew arranġament amministrattiv dwar is-sigurtà tal-informazzjoni fis-seħħ, għandha tiġi segwita l-proċedura ta' rilaxx eċċezzjonali *ad hoc*.

2. Id-dipartimenti tal-Kummissjoni għandhom jikkuntattjaw lill-awtorità tas-sigurtà tal-Kummissjoni, li għandha tikkonsulta l-Grupp ta' Esperti għas-Sigurtà tal-Kummissjoni.

3. Wara l-konsultazzjoni mal-Grupp ta' Esperti għas-Sigurtà tal-Kummissjoni, il-Kummissjoni tista', fuq il-bażi ta' proposta mill-membru tal-Kummissjoni responsabbli għall-kwistjonijiet ta' sigurtà, tawtorizza r-rilaxx tal-informazzjoni kkonċernata.

([8]) It-tabella ta' ekwivalenza għall-marki tal-Istati Membri tinsab stipulata fl-Anness I tad-Deċiżjoni (UE, Euratom) 2015/444.

KAPITOLU 6

TMIEM IĊ-ĊIKLU TAL-ĦAJJA TA' INFORMAZZJONI RESTREINT UE/EU RESTRICTED

Artikolu 34

Meta ssir id-deklassifikazzjoni

1. L-informazzjoni għandha tibqa' klassifikata biss sakemm ikun hemm il-ħtieġa li tiġi protetta. Id-deklassifikazzjoni tfisser li l-informazzjoni ma għandhiex tibqa' tiġi kkunsidrata bħala klassifikata. Hekk kif tinħoloq l-IKUE, l-oriġinatur għandu jindika, fejn possibbli, jekk l-IKUE tkun tista' tiġi deklassifikata f'data partikolari jew wara avveniment speċifiku. Inkella, l-oriġinatur għandu jirrieżamina regolarment l-informazzjoni RESTREINT UE/EU RESTRICTED biex jiddetermina jekk ikunx hemm il-ħtieġa li tiġi klassifikata.

2. L-informazzjoni klassifikata RESTREINT UE/EU RESTRICTED li tkun oriġinat fil-Kummissjoni se tiġi deklassifikata awtomatikament wara tletin sena, b'konformità mar-Regolament (KEE, Euratom) Nru 354/83 kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1700/2003 ([9]), b'konformità mal-Artikolu 59(2)a tad-Deċiżjoni (UE, Euratom) 2015/444.

3. Id-dokumenti tal-Kummissjoni jistgħu wkoll jiġu deklassifikati fuq bażi *ad hoc*, pereżempju b'talba għal aċċess mill-pubbliku.

Artikolu 35

Responsabbiltà għad-deklassifikazzjoni

1. L-informazzjoni RESTREINT UE/EU RESTRICTED ma għandhiex tiġi klassifikata mingħajr il-permess tal-oriġinatur.

2. Id-dipartiment tal-Kummissjoni li joħloq dokument klassifikat għandu jkun responsabbli biex jieħu d-deċiżjoni dwar jekk tistax tiġi deklassifikata jew le. Fil-Kummissjoni, it-talbiet kollha għad-deklassifikazzjoni għandhom ikunu suġġett għall-konsultazzjoni mal-Kap tal-Unità jew mad-Direttur tad-dipartiment minn fejn toriġina l-informazzjoni. Jekk id-dipartiment ikun ġabar l-informazzjoni klassifikata minn diversi għejun, l-ewwel huwa għandu jitlob il-kunsens ta' kwalunkwe parti oħra li tkun tat materjal sors, fosthom fl-Istati Membri, f'korpi oħra tal-UE, f'pajjiżi terzi u f'organizzazzjonijiet internazzjonali.

3. Meta d-dipartiment tal-Kummissjoni minn fejn tkun oriġinat l-informazzjoni ma jkunx għadu jeżisti, u r-responsabbiltajiet tiegħu jkunu għaddew għand servizz ieħor, id-deċiżjoni dwar id-deklassifikazzjoni għandha tittieħed minn dan is-servizz. Fejn id-dipartiment li joriġina l-informazzjoni ma jkunx għadu jeżisti u r-responsabbiltajiet ma jkunu għaddew għand servizz ieħor, id-deċiżjoni dwar id-deklassifikazzjoni għandha tittieħed b'konġunt mill-Kapijiet tal-Unità jew mid-Diretturi tad-Diretturi Ġenerali li jirċievu l-informazzjoni.

Artikolu 36

Informazzjoni sensittiva mhux klassifikata

Meta rieżami ta' dokument jirriżulta f'deċiżjoni favur id-deklassifikazzjoni, għandha tingħata kunsiderazzjoni dwar jekk id-dokument għandux ikollu marka ta' distribuzzjoni ta' informazzjoni sensittiva mhux klassifikata skont it-tifsira tal-Artikolu 9 tad-Deċiżjoni (UE, Euratom) 2015/443.

Artikolu 37

Indikazzjoni ta' dokument deklassifikat

1. Il-marka oriġinali tad-deklassifikazzjoni fin-naħa ta' fuq u ta' isfel f'kull paġna għandha titħassar viżibbilment (jew titneħħa) permezz tal-funzjonalità ta' "ingassatura" għall-formati elettroniċi, jew manwalment għall-kopji stampati.

2. L-ewwel paġna (ta' quddiem) għandha tiġi stampata bħala deklassifikata u kompluta bid-dettalji tal-awtorità responsabbli għad-deklassifikazzjoni u d-data korrispondenti.

([9]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, EURATOM) Nru 1700/2003 tat-22 ta' Settembru 2003 li jemenda r-Regolament (KEE, Euratom) Nru 354/83 dwar il-ftuħ għall-pubbliku tal-arkivji storiċi tal-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (ĠU L 243, 27.9.2003, p. 1).

3. Ir-riċevituri oriġinali tal-informazzjoni RESTREINT UE/EU RESTRICTED għandhom jiġu informati dwar id-deklassifikazzjoni. Ir-riċevituri inizjali għandhom ikunu responsabbli milli jinformaw lid-destinatarji sussegwenti li jkunu baqħtu jew ikkupjaw l-informazzjoni oriġinali RESTREINT UE/EU RESTRICTED oriġinali.

4. Is-Servizz tal-Arkivji Storiċi tal-Kummissjoni għandu jagħti informazzjoni dwar kull deċiżjoni li tittieħed fir-rigward tad-deklassifikazzjoni.

5. It-traduzzjonijiet kollha ta' informazzjoni klassifikata għandhom ikunu suġġetti għall-istess proċeduri ta' deklassifikazzjoni bħala l-verżjoni lingwistika oriġinali.

Artikolu 38

Deklassifikazzjoni parzjali ta' informazzjoni RESTREINT UE/EU RESTRICTED

1. Id-deklassifikazzjoni parzjali għandha tkun possibbli wkoll (pereż. annessi, xi paragrafi biss). Il-proċedura għandha tkun l-istess bl-eżatt għal dik tad-deklassifikazzjoni ta' dokument sħiħ.

2. Estratt deklassifikat għandu jiġi prodott meta l-informazzjoni RESTREINT UE/EU RESTRICTED tiġi parzjalment deklassifikata ("sanitising").

3. Il-partijiet li jibqgħu kklassifikati għandhom jiġu sostitwiti minn:

PARTI LI MA GĦANDHIEX TIĠI DEKLASSIFIKATA

jew fil-parti prinċipali tat-test innifsu, jekk il-parti li tibqa' klassifikata tkun parti minn paragrafu, jew bħala paragrafu, jekk il-parti li tibqa' klassifikata tkun paragrafu speċifiku jew aktar minn paragrafu wieħed.

4. Għandha ssir referenza speċifika fit-test fil-każ li anness sħiħ ma jkunx jista' jiġi klassifikat u għaldaqstant ma jkunx ġie inkluż fl-estratt.

Artikolu 39

Qerda u tħassir ta' rutina ta' informazzjoni RESTREINT UE/EU RESTRICTED

1. Il-Kummissjoni ma għandhiex tiġma kwantitajiet kbar ta' informazzjoni klassifikata.

2. Id-dipartimenti minn fejn joriġinaw għandhom jirrieżaminaw frekwentement ammonti żgħar biex imbagħad jinqerdu jew jitħassru f'intervalli qosra. Għandu jsir rieżami kemm tal-informazzjoni li tinżamm fiżikament kif ukoll tal-informazzjoni li tinżamm fis-SKI f'intervalli regolari.

3. Il-persunal għandu jeqred u jħassar b'mod sikur kwalunkwe dokument RESTREINT UE/EU RESTRICTED li ma jkunx għadu meħtieġ, suġġett għal kwalunkwe rekwiżit ta' arkivjar għad-dokument oriġinali.

4. Il-persunal ma għandux ikun obbligat jinforma lill-oriġinatur jekk jeqirdu jew iħassru kopji ta' dokumenti RESTREINT UE/EU RESTRICTED.

5. L-abbozz ta' materjali li jkun fih informazzjoni klassifikata għandu jkun suġġett għall-istess metodi ta' disponiment ta' dokumenti klassifikati finalizzati.

6. Ix-shredders approvati biss għandhom jintużaw għall-qerda ta' dokumenti RESTREINT UE/EU RESTRICTED. Shredders fil-Livell 4 tad-DIN 32757 u fil-Livell 5 tad-DIN 66399 huma adegwati biex jinqerdu dokumenti RESTREINT UE/EU RESTRICTED.

7. Il-materjal li jirriżulta mix-shredder jista' jintrema bħala skart normali tal-uffiċċju.

8. Il-media u l-apparat kollha li jkunu jinkludu informazzjoni RESTREINT UE/EU RESTRICTED għandhom jiġu sanitizzati meta jaslu fi tmiem iċ-ċiklu tal-użu tagħhom. Id-data elettronika għandha tinqered jew titħassar mir-riżorsi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u mill-mezzi ta' ħżin assoċjati b'mod li jagħti assigurazzjoni raġonevoli li l-informazzjoni ma tkunx tista' tiġi rkuprata. Is-sanitizzazzjoni għandha tneħħi d-*data* kollha mill-apparat tal-ħżin, u tneħħi wkoll it-tikketti, il-marki u l-logs tal-attività kollha.

9. Il-mezzi tal-ħżin tal-kompjuter għandhom jingħataw lill-USL jew lill-Uffiċjal tas-Sigurtà Lokali tal-Informatika u/jew l-Uffiċjal tal-Kontroll tar-Reġistru biex jinqerdu u jintremew.

Artikolu 40

Evakwazzjoni u qerda ta' informazzjoni RESTREINT UE/EU RESTRICTED f'każ ta' emerġenza

1. Il-Kap tad-Dipartiment għandu jiżviluppa, japprova u jekk meħtieġ jattiva evakwazzjoni ta' emerġenza u pjani tal-qerda biex jissalvagwardja l-informazzjoni RESTREINT UE/EU RESTRICTED li tkun f'riskju sinifikanti li taqa' f'idejn persuni mhux awtorizzati matul kriżi. F'ordni ta' prijorità, u skont in-natura tal-emerġenza, għandha tingħata kunsiderazzjoni għal:

(1) l-IKUE tiġi mċaqalqa lejn post sikur, fejn ikun possibbli f'Żona Amministrattiva jew Żona ta' Sigurtà fl-istess bini;

(2) l-evakwazzjoni tal-IKUE lejn post sikur alternattiv, fejn possibbli lejn Żona Amministrattiva jew Żona ta' Sigurtà f'bini differenti, fejn possibbli, bini tal-Kummissjoni;

(3) Il-qerda tal-IKUE, fejn possibbli permezz tal-mezzi approvati tal-qerda ta' tali mezzi.

2. Fejn ikunu ġew attivati pjanijiet ta' emerġenza, l-ewwel għandha tingħata prijorità lill-moviment jew il-qerda ta' informazzjoni ta' livelli ogħla.

3. Id-dettalji operattivi tal-pjanijiet ta' evakwazzjoni u tal-pjanijiet tal-qerda ukoll għandhom jiġu klassifikati bħala RESTREINT UE/EU RESTRICTED.

Artikolu 41

Arkivjar

1. Id-deċiżjonijiet dwar jekk u meta jsir l-arkivjar, u l-miżuri prattiċi korrispondenti li jkunu jridu jittieħdu, għandhom ikunu konformi mal-politika tal-Kummissjoni dwar il-ġestjoni tad-dokumenti.

2. Id-dokumenti RESTREINT UE/EU RESTRICTED ma għandhomx jintbagħtu fl-Arkivji Storiċi tal-Unjoni Ewropea f'Firenze.

KAPITOLU 7

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 42

Trasparenza

Din id-Deċiżjoni għandha tinġieb għall-attenzjoni tal-persunal tal-Kummissjoni u tal-individwi kollha li tapplika għalihom, u għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 43

Dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Ottubru 2019.

Għall-Kummissjoni

F'isem il-President

Günther OETTINGER

Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

Kategoriji ta' perunsal li jista' jkollu aċċess għal informazzjoni RESTREINT UE/EU RESTRICTED jekk ikunu jeħtiġuha biex iwettqu l-kompiti professjonali tagħhom

Kategoriji ta' persunal tal-Kummissjoni	Aċċess għal informazzjoni R-UE/EU- R	Kundizzjonijiet
Uffiċjali	Iva	Briefing + rikonoxximent + ħtieġa ta' tagħrif
Aġenti temporanji	Iva	Briefing + rikonoxximent + ħtieġa ta' tagħrif
Aġenti kuntrattwali	Iva	Briefing + rikonoxximent + ħtieġa ta' tagħrif
Esperti nazzjonali ssekondati (ENS)	Iva	Briefing (mill-Kummissjoni) + rikonoxximent + ħtieġa ta' tagħrif
Trainees	Le	L-ebda eċċezzjoni mhija possibbli
Kwalunkwe kategorija oħra tal-persunal (interim, intra-muros esterni eċċ.)	Le	Ikkonsulta l-awtorità tas-sigurtà tal-Kummissjoni għal kwalunkwe eċċezzjoni